# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 17 ta' Marzu, 2021.**

**Numru 2**

**Ċitazzjoni numru 57/2005/1 AF**

**Ronald Azzopardi, Mariella Azzopardi**
**u *HD Holdings Limited***

***v*.**

**Mario Galea Testaferrata; u b'dikriet tal-4 ta' Settembru 2008 l-atti ġew trasfużi f'isem Camilla Scerri, James Galea Testaferrata, Maria Galea Testaferrata u Dr. Simon Galea Testaferrata**

1. Dan huwa provvediment fuq rikors tal-atturi appellanti tat-22 ta' Jannar 2021 li bih talbu illi l-qorti tordna lir-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribubnali "jikkorreġi" l-ammont tal-garanzija stabbilita mill-istess reġistratur għall-għanijiet tal-art. 249 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. B'kitba privata tat-28 ta' Ottubru 2003, li mbagħad flokha saru żewġ atti pubbliċi, wieħed tal-25 ta' Frar 2004 u l-ieħor tal-25 ta' Ġunju 2004, l-attur Ronald Azzopardi għaraf li hu debitur tal-konvenut Mario Galea Testaferrata, u s-soċjetà daħlet għad-dejn bħala garanti solidali. Il-konvenut issa kiseb il-ħruġ ta' mandati esekuttivi biex jitħallas.

3. Id-dejn magħruf bl-atti fuq imsemmija kien ta' flus mislufa mill-konvenut lill-attur, iżda l-atturi jgħidu illi dak is-self sar bi ksur tal-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji [Kap. 376] u għalhekk milqut b'*causa* illeċita. Barra minn hekk igħidu wkoll li l-konvenut talab imgħax ogħla minn kemm tippermetti l-liġi.

4. L-atturi għalhekk fetħu din il-kawża u talbu illi l-qorti:

»1. tiddikjara illi inti [*i.e.* l-konvenut] slift flus lill-attur Ronald Azzopardi f'diversi okkażjonijiet kontra id-disposizzjonijiet tal-Kap. 376 tal-Liġijiet ta' Malta;

»2. tiddikjara illi inti b'dan is-self f'okkażjonijiet diversi għamilt negozju ta' istituzzjoni finanzjarja mingħajr liċenzja meħtieġa skond il-liġi u dan kontra d-disposizzjonijiet tal-Kap. 376 tal-Liġijiet ta' Malta;

»3. tiddikjara għalhekk illi l-imsemmi self kif rifless fl-iskrittura privata tat-28 ta' Ottubru 2003 u fl-atti pubblici fuq imsemmija u *cioè* dak tal-25 ta' Frar 2004 fl-atti tan-Nutar Dottor Margaret Heywood u l-ieħor tal-25 ta' Ġunju 2004 fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Burlò huwa null u bla effett *stante* li għandu kawża illeċita u għalhekk huma nulli u bla effett l-istess skrittura u żewġ atti notarili;

»4. subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, f'każ illi t-talbiet preċedenti ma jiġux milqugħa, tiddikjara illi l-ammonti indikati bħala dovuti mill-atturi lill-konvenut bħala self fl-imsemmija skrittura u atti pubbliċi jikkomprendu fihom imgħax *oltre* t-tmienja fil-mija (8%) u *cioè* imgħax li ma jistax jintalab mill-konvenut peress illi jmur *oltre* dak permissibbli mil-liġi;

»5. konsegwentement għar-raba' talba, tirriduċi l-ammont indikat bħala dovut mill-atturi lill-konvenut fl-imsemmija kuntratti b'dak l-ammont li dina l-qorti tillikwida bhala rappreżentanti użura;

»6. tiddikjara illi l-imsemmija mandati ta' sekwestri huma irriti u nulli;

»7. tirxxexindi l-imsemmija mandati ta' sekwestri;

»8. tiddikjara illi l-kuntratti pubblici fuq imsemmija mhumiex titoli eżekuttivi;

»9. twaqqaf is-*sub hasta* fuq imsemmija okkorrendo billi tiddikjara li l-proċeduri tagħha huma irriti u nulli.«

5. L-ewwel qorti iddeċidiet hekk:

»1. tiċħad l-ewwel tliet talbiet tal-atturi;

»2. tilqa' r-raba' talba u tiddikjara illi l-ammonti indikati fl-iskrittura tat-28 ta' Ottubru 2003 u fl-atti pubblici datati 25 ta' Frar 2004 u 25 ta' Gunju 2004 jikkomprendu mgħax ogħla minn dak permess fil-liġi;

»3. tilqa' l-ħames talba fis-sens li tirriduċi l-ammont dovut għas-somma ta' Lm279,600 (mitejn disgħa u sebgħin elf u sitt mitt euro [*recte*, lira ta' Malta]) ekwivalenti ghal €651,293 (sitt mija u wieħed u ħamsin elf, mitejn u tlieta u disgħin euro);

»4. tiċħad is-sitt talba;

»5. tiċħad is-seba' talba;

»6. tiċħad it-tmien talba;

»7. tiċħad id-disa' talba b'dana però illi kull ammont relatat mal-mandati kollha u s-*sub hasta* 115/2004 għandu jiġi ridott għal Lm279,600 (mitejn disgħa u sebgħin elf u sitt mitt euro [*recte*, lira ta' Malta]) ekwivalenti ghal €651,293 (sitt mija u wieħed u ħamsin elf, mitejn u tlieta u disgħin euro).«

6. L-atturi appellaw b'rikors tas-6 ta' April 2016 u talbu illi din il-qorti:

»… … … tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tgħaddi sabiex tilqa' l-ewwel tliet talbiet attriċi, flimkien mat-talbiet bin-numru sitta sa disgħa, jew fin-nuqqas, … … … filwaqt illi tikkonferma dik il-parti tal-istess sentenza li permezz tagħha gew milqugħa r-raba' u l-ħames talbiet attriċi kif dedotti, tħassar u tirrevoka dik il-parti tal-istess sentenza fejn ġie dikjarat illi s-somma dovuta mill-esponenti lill-appellat hija dik ta' Lm279,600, flimkien ma' dik il-parti tal-istess sentenza li permezz tagħha ġew miċħuda t-talbiet numru sitta sa disgħa u, minflok, tgħaddi sabiex tiddikjara illi s-somma dovuta mill-esponenti lill-appellat hija dik ta' Lm220,000, u tgħaddi sabiex tilqa' t-talbiet numru sitta sa disgħa, u dan bl-ispejjeż kollha.«

7. Bir-rikors li fuqu qiegħed jingħata dan il-provvediment l-atturi appellanti jgħidu illi l-garanzija stabbilita mir-reġistratur biex jista' jsir l-appell hija wisq, u jitolbu illi l-qorti tordna lir-reġistratur jikkorreġiha. Ir-reġistratur wieġeb fid-19 ta' Frar 2021 u l-konvenuti wieġbu bil-fomm waqt is-seduta tat-22 ta' Frar 2021.

8. Ir-raġuni għala l-atturi appellanti jgħidu illi l-garanzija hija wisq hija mfissra hekk fir-rikors tat-22 ta' Jannar 2021:

> »… … … ir-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali, iffissa l-ammont tal-garanzija mitluba *ad valorem*, ossija fuq xi ammont li huwa ddeterminat mill-atti processwali, senjatament, f'dan il-każ, fuq l-ammont ta' mitejn, disgħa u sebgħin elf u sitt mitt lira Maltin (Lm 279,600) ekwivalenti għal sitt mija, wieħed u ħamsin elf, mitejn u tlieta u disgħin euro (€651,293) li jirrizulta fid-*decide* tas-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili … mogħtija fis-17 ta' Marzu 2016.
>
> »Illi permezz tal-ħames talba tagħhom imressqa permezz tar-rikors ġuramentat promutur, l-esponenti appellanti *qua* atturi talbu s-segwenti:
>
> > »"konsegwentement għar-raba' talba, tirriduċi l-ammont indikat bħala dovut mill-atturi lill-konvenut fl-imsemmija kuntratti b'dak l-ammont li dina l-qorti tillikwida bhala rappreżentanti użura"
>
> »u fil-fatt, id-*decide* fis-sentenza mogħtija mill-ewwel qorti għall-iskop-ijiet tal-ħames talba tal-esponenti appellanti *qua* atturi kienet dedotta bil-mod segwenti:
>
> > »"tilqa' l-ħames talba fis-sens li tirriduċi l-ammont dovut għas-somma ta' Lm279,600 (mitejn disgħa u sebgħin elf u sitt mitt euro [*recte*, lira ta' Malta]) ekwivalenti ghal €651,293 (sitt mija u wieħed u ħamsin elf, mitejn u tlieta u disgħin euro)"
>
> »Illi konsegwentement, fil-każ odjern, ir-reġistratur ma kellux jiffissa l-ammont tal-garanzija mitluba *ad valorem* fuq l-ewwel u l-unika ammont li deher imsemmi fid-*decide* tas-sentenza mogħtija mill-ewwel qorti, iżda kien tenut jindaga wkoll x'kien il-qofol tal-kwistjoni mqanqla permezz tal-proċeduri odjerni billi jirreferi għat-talbiet attriċi, minn fejn kellu jirriżulta ampjament li l-proċeduri odjerni mhumiex sempliċi talba għal ħlas, iżda talba għal tnaqqis minn ħlas li l-esponenti appellanti *qua* atturi kienu diġà rrikonoxxew bħala dovut lill-appellat *qua* konvenut.
>
> »… … …
>
> »Illi fil-fatt mill-qari komplessiv tas-sentenza tal-ewwel qorti għandu jirriżulta li l-esponenti appellanti *qua* atturi m'għandhom l-ebda pretensjoni għall-ħlas li abbażi tagħha ressqu l-proċeduri odjerni, iżda jippretendu biss li ħlas dovut lill-appellat *qua* konvenut jitnaqqas għal somma iktar ġusta.
>
> »Illi b'hekk, l-ammont li attwalment kellha tillikwida l-ewwel qorti għall-finijiet tal-ħames talba attriċi kien dak l-ammont li kellu jitnaqqas minn ammont li, f'dak l-istadju, kien diġà stabbilit bħala dovut mill-esponenti appellanti *qua* atturi lill-appellat *qua* konvenut … … …
>
> »Illi *in vista* tas-suespost l-esponenti appellanti huma tal-umli fehma li, jekk fil-każ odjern ir-reġistratur kellu jiffissa l-ammont tal-garanzija *ad valorem*, [*sc.* kellu jiffissah] fuq dak l-ammont li l-ewwel qorti llikwidat u rriduċiet mill-ammont li kien oriġinarjament dovut mill-atturi lill-konvenut, u ċjoè l-ammont Lm 5,400, illum € 12,579, u mhux fuq l-ammont li eventwalment irriżulta dovut mill-atturi lill-konvenuti.«

9. L-atturi effettivament jippretendu li l-garanzija kellha tinħadem fuq l-ammont likwidat mill-ewwel qorti bħala mħgax mitlub żejjed, għall-għanijiet tal-ħames talba.

10. L-atturi, iżda, ma humiex qegħdin jappellaw biss mill-*quantum* tat-tnaqqis; qegħdin jappellaw ukoll miċ-ċaħda tal-ewwel tliet talbiet, li kienu jridu li l-għarfien tad-dejn kollu jitqies li ma jiswiex għax milqut b'*causa* illeċita. Jekk tintlaqa' din it-talba, jintlaqat id-dejn kollu pretiż mill-konvenuti, u mhux biss l-imgħax allegatament mitlub żejjed.

11. L-appell mela sar fuq il-*quantum* kollu magħruf mill-ewwel qorti bħala leċitu, u mhux biss, kif jingħad fir-rikors tat-22 ta' Jannar 2021, mill-*quantum* likwidat għall-għanijiet tal-ħames talba. Għamel sew mela r-reġistratur li ħadem il-garanzija fuq il-*quantum* kollu likwidat bħala validament dovut fis-sentenza appellata, ladarba huwa kollu kontestat fl-appell imressaq mill-atturi.

12. Il-qorti għalhekk tiċħad it-talba tal-atturi appellanti magħmula bir-rikors tat-22 ta' Jannar 2021.

13. L-ispejjeż ta' dan l-episodju jħallsuhom l-atturi appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm